MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2003

Numru 27/2002

Il-Pulizija
(Spettur Maurice Curmi)

vs

Joseph Vella

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Joseph Vella ta’ 57 sena, bin Gaetano u Rosa Anna nee’ Mallia, imwieled Marsa fl-4 ta’ Novembru 1945 u joqghod “Hotel Serena”, Triq il-Punici, Xlendi l/o Munxar, Ghawdex, detentur ta’ Karta ta’ identita’ numru 911445(M) talli:

1. fil-perjodu bejn il-5 ta’ Gunju 2001 u l-10 ta’ Gunju 2001 fil-Gzira ta’ Ghawdex b’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz,

jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ mitejn u erbgha u ghoxrin lira Maltin (Lm224) gahd-dannu ta’ John Craig, ai termini ta’ l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali;

2. fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi fuq imsemmija, approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghall-persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe’ ghamel qliegh ta’ mitejn u erbgha u ghoxrin lira Maltin (Lm224) a detriment ta’ John Craig, ai termini ta’ l-Artikolu 293 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. ukoll talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi fuq imsemmija, ghamel uzu mhux sewwa minn xi karta fdata lilu in bjank bil-firma biss, bi hsieb ta’ qliegh, jikteb fuqha xi haga li tkun ta’ hsara ghall-persuna ohra, jew bl-istess hsieb, izid fuq karta mhix in bjank, fdata lilu, xi kitba jew klawsola, u cioe’ dawwar bi profitt ghalih is-somma ta’ mitejn u erbgha u ghoxrin lira Maltin (Lm224) a detriment ta’ John Craig, ai termini ta’ l-Artikoli 297 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali li bihom baghat lill-imputat sabiex jigi gudikat minn din il-Qorti fit-termini tac-citati artikoli, fin-nuqqas ta’ opposizzjoni minn naha ta’ l-imputat;

Rat li l-imputat ma opponiex sabiex il-kawza tigi deciza minn din il-Qorti;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

L-imputat hu akkuzat bi truffa aggravata, frodi nnominat, misapproprijazzjoni u abbuz ta' karta in bjank jew xort'ohra, li ghandhom l-origini minn rapport ta' certu John Craig ta' nazzjonalita Skocciza.

Il-fatti fil-qosor huma li l-imputat huwa l-gestur ta' lukanda fix-Xlendi, Ghawdex, bl-isem "Serena ApartHotel". Li fis-sena 2001 il-kwerelant kien ipprenota kamra ghal gimghatejn fl-imsemmija lukanda, mill-5 ta' Gunju sad-19 ta' l-istess xahar u sena, flimkien ma' martu u allega li l-imputat frawdolentement thallas somma ammontanti ghal mitejn u erbgha u ghoxrin lira Maltin (Lm224) mill-karta ta' kreditu tieghu minghajr l-awtorizazzjoni u l-kunsens tieghu. Li jirrizulta bhala fatt li l-prenotazzjoni kienet saret mill-kwerelant tramite agenzija estera u precizament minn dik l-agenzija li minghandha kien akkwista time-share. Li mal-wasla tieghu fil-lukanda imsemmija kien accetta li jiehu kamra ahjar fuq half board. Li kien pero' oggezzjona u kkontesta li jhallas ta' xi extras, deskritti bhala utilities. Li jirrizulta li fil-5 ta' Gunju huwa hallas direttament lill-imputat tliet mija u ghoxrin lira Maltin (Lm320) tramite l-karta ta' kreditu import addizzjonali tal-kamra fuq *half board*, kif riferut aktar 'il fuq, u li fl-10 ta' Gunju gie iddebitat bl-ammont ta' mitejn u erbgha u ghoxrin lira Maltin (Lm224) import ta' hekk imsejha utilities.

Issa hu rilevanti li jinghad fir-rigward l-ammont ta' Lm224, li huwa l-pern tal-kawza li mid-dok JC1 jirrizulta illi l-karta ta' kreditu giet mghoddija mekkanikalment mill-magna. M'hemmx kontestazzjoni li giet *swiped* mill-imputat u mir-ricevuta, l-imsemmi dok JC1, tidher firma li l-kwerelant kien indeciz jekk hijiex tieghu jew le.

Li l-fattur tal-firma ghandu piz determinanti fuq l-ezitu tal-kawza ghandu jkun ovvju u fid-dawl tal-fatti u l-provi m'hemm xejn li juri b'mod konkret, univoku u konvincenti li dik il-firma mhix tal-kwerelant. Fid-dawl ta' dan l-akkuza taht l-Artikolu 297 tal-Kap 9 certament ma tistax treggi. Ir-ricerka ghalhekk tirriverti fuq jekk l-imputat ezercittx truffa jew il-misapproprijazzjoni rigward l-imsemmi ammont ta' Lm224. Mill-provi fil-kuntest ta' dawn iz-zewg reati ukoll

difficilment jistghu iwasslu ghall-koncivju ta' l-imputat. Biex tissusisti t-truffa hu necessarju li jkun hemm l-artificji u raggieri li mill-fatti ma jirrizultawx. L-istampa kienet tkun differenti li kieku gie pruvat, izda ma giex, li l-pagament ghal hekk imsejha utilities, ma kienux aktar dovuti mal-upgrade tal-kamra fejn allura setghet tissusisti t-truffa u f'xi cirkostanzi anke l-misapproprjazzjoni billi f'dan il-kaz l-artifici u r-raggieri kienu jkunu jikkonsistu fil-fatt li l-persuna tkun ipprenotat mod, tigi mhajra biex tiehu kwalita ahjar, izda imgieghla thallas ghal dak li ma jkunx aktar dovut. Dan pero' jibqghu fil-kaz in dizamina, kongetturi li m'ghandhomx piz fil-kamp kriminali.

Ghaldaqstant u in vista ta' dak fuq espost il-Qorti tiddeciedi billi ma ssibx l-imputat hati u tilliebrah minn kull htija u piena.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------